ċ

# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Frar, 2025**

**Numru: 1**

**Rikors Numru 284/2015/1 LM**

**Joseph Mallia bħala rappreżentant ġuridiku tas-soċjetà Lloyd's Malta Limited (C 24284) bis-saħħa ta' Board Resolution datata 30 ta' Lulju, 1999 u din in rappreżentanza ta' Kiln (Syndicate Number 510), Novae (Syndicate Number 2007), Atrium (Syndicate Number 609), u Hardy (Syndicate Number 382) li huma assigurati fis-suq ta' Lloyd's ta' Londra kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Annelise Cilia**

**v.**

**1. Magda Magri Naudi bħala Sindku u Georgette Borg bħala Segretarju Amministrattiv għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, u permezz ta' digriet mogħti fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2019 assumew l-atti minflokhom**

**Anthony Dalli u Pamela Borg bħala Sindku u bħala Segretarju Amministrattiv rispettivament u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija;**

**2. Perit John Rizzo Naudi;**

**3. Polidano Brothers Limited (C 8884)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar azzjoni għall-ħlas ta' somma flus rappreżentanti d-danni mġarrba mill-assigurata Annelise Cilia, kif ukoll *survey fees* imħallsa kollha mill-attur *nomine*, kif surrogat fid-drittijiet ta' Annelise Cilia wara ħsara kkaġunata fil-fond tal-assigurata wara maltempata, kaġun tax-xogħlijiet imwettqa fuq inkarigu tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, taħt is-superviżjoni tal-Perit John Rizzo Naudi, mill-kumpanija konvenuta Polidano Brothers Limited bħala l-kuntrattur.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq mill-attur *nomine* Joseph Mallia fil-25 ta' Marzu, 2015, bħala r-rappreżentant ġuridiku tal-kumpanija Lloyd's Malta Limited, bis-saħħa ta' *Board Resolution* datata 30 ta' Lulju, 1999, u din in rappreżentanza ta' Kiln (Syndicate Number 510), Novae (Syndicate Number 2007), Atrium (Syndicate Number 609), u Hardy (Syndicate

Number 382) li huma assigurati fis-suq ta' Lloyd's ta' Londra, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Annelise Cilia, ġie mfisser li Annelise Cilia kienet talbet u ottjeniet mingħand l-attur *nomine* polza ta' assigurazzjoni bin-numru P1002157 li kienet tkopri l-fond residenzjali tagħha bin-numru 2, Sqaq Numru 4, Triq Sant'Antnin, Balzan kif ukoll il-mobbli, mobilja u kontenut intier tal-imsemmi fond.

3. Jingħad mill-attur *nomine* li fit-3 ta' Settembru, 2012, l-imsemmija Annelise Cilia ġarrbet danni fis-somma totali ta' €17,161 b'riżultat ta' dħul eċċessiv ta' ilma li kien kaġunat minn xogħlijiet li kienu saru fit-toroq tal-viċinanzi mill-kumpanija konvenuta Polidano Brothers Limited fuq inkarigu tal-konvenut Kunsill Lokali ta' Ħal Lija taħt is-sorveljanza u superviżjoni tal-konvenut l-ieħor il-Perit John Rizzo Naudi. Jingħad li dawn ix-xogħlijiet wasslu sabiex l-iskular tal-ilma mit-toroq tal-viċinanzi jiġi ddevjat u/jew imxaqleb lejn il-fond residenzjali tal-imsemmija Annelise Cilia, mingħajr ma ttieħdu ebda prekawzjonijiet sabiex dan ma jseħħx.

4. Ġie mfisser mill-attur *nomine* li ħallas lill-imsemmija Annelise Cilia l-imsemmija somma ta' €17,161, rappreżentanti d-danni kollha li kienu ġew minnha mġarrba (liema danni l-attur ħa kull miżura meħtieġa biex jiġu minimizzati kemm jista' jkun) u l-istess Annelise Cilia kienet iffirmat is-surroga favur tiegħu.

5. L-attur *nomine* jissokta jgħid li kien inkariga lil James Magri (L.A. Services) bħala *surveyor* u nkorra s-somma ta' €1,324.97 bħala spejjeż rappreżentanti *survey fees u loss adjusting fees*. B'hekk jiġi li l-ammont globali dovut lill-attur *nomine* huwa ta' €18,485.97 magħmula mis-somma ta' €17,161 rappreżentanti d-danni riżarċiti lill-imsemmija Annelise Cilia taħt il-polza tal-assigurazzjoni fuq imsemmija flimkien mas-somma ta' €1,324.97 rappreżentanti *survey fees u loss adjusting fees* imħallsa mill-attur *nomine* b'rabta ma' dan il-każ.

6. Jingħad li minkejja li l-konvenuti ġew debitament interpellati permezz ta' ittra uffiċjali numru 2586/14 tal-21 ta' Awwissu 2014, liema ittra uffiċjali ġiet lilhom notifikata, ta' xejn, għalhekk kellha ssir din il-kawża.

7. Għalhekk l-attur *nomine* ressaq il-kawża taħt eżami fejn talab:

> *«(i) Prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-intimati, huma jew min minnhom, għandhom iħallsu lir-rikorrent nomine s-somma ta' tmintax-il elf erba' mija u ħamsa u tmenin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€18,485.97) konsistenti, in kwantu għas-somma ta' sbatax-il elf, mija u wieħed u sittin euro (€17,161) rappreżentanti d-danni eżerċitati lill-imsemmija Annelise Cilia taħt il-polza tal-assigurazzjoni fuq imsemmija flimkien mas-somma ta' elf, tliet mija u erbgħa u għoxrin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€1,324.97) rappreżentanti survey fees u loss adjusting fees imħallsa mir-rikorrent nomine relattivament għal dan il-każ, u dan għar-raġunijiet fuq premessi; u*
>
> *(ii) Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom biex iħallsu lir-rikorrent nomine l-imsemmija somma ta' tmintax-il elf, erba' mija u ħamsa u tmenin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€18,485.97). Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali, in kwantu fuq is-somma ta' €17,161 mid-19 ta' Jannar 2014 u ċioe d-data tas-surroga mogħtija minn Annelise Cilia u in*

*kwantu fuq is-somma ta' €1,324.97 mill-14 ta' Lulju, 2013 u ċioe d-data tal-invoice għas-survey fees u loss adjusting fees.»*

8. Il-kumpanija konvenuta Polidano Brothers Limited wieġbet għal dan ir-rikors maħluf fl-4 ta' Mejju, 2015, permezz ta' risposta ġuramentata li fiha tressqu l-eċċezzjonijiet kif ġej:

«1. *Illi preliminarjament l-azzjoni attriċi hija nulla stante li Joseph Mallia bħala rappreżentant ġuridiku tas-soċjetà Lloyd's Malta Limited qatt ma seta' jipproponi din l-azzjoni peress li s-surroga fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Annalise Cilia saret a favur ta' Millenium Insurance Agency Ltd u mhux ta' Lloyd's Malta Ltd;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà in kwantu li talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ix-xogħol eżegwit mis-soċjetà intimata saru taħt is-superviżjoni tal-perit tal-Kunsill ta' Ħal Lija, l-Perit Rizzo Naudi, liema xogħlijiet dejjem ġew iċertifikati mill-istess perit;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost dato ma non concesso illi Annalise Cilia sofriet xi danni, dan kien riżultat ta' forza maġġuri riżultat ta' maltempata li ħakmet lil Malta, fejn fit-3 ta' Settembru 2012 biss ġie mkejjel 42.4 mm ta' xita;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;»*

9. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija hekk kif rappreżentat minn Magda Magri Naudi bħala Sindku u minn Georgette Borg bħala Segretarju Amministrattiv ressqu wkoll risposta maħlufa ppreżentata minnhom fit-30 ta' April, 2015, li permezz tagħha eċċepew:

*«Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjeż kontra r-rikorrent nomine għas-segwenti raġunijiet:*

*Eċċezzjonijiet:*

*1. Illi, preliminarjament, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija intimat mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni stante illi huwa ma hux responsabbli għal dak allegat mir-rikorrent nomine;*

*2. Illi, subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-Kunsill Lokali eċċipjenti mhux responsabbli versu l-attur, u dan stante illi, inter alia:*

*(i) Ma kkommetta ebda nuqqas fil-konfront tar-rikorrent nomine;*

*(ii) Illi mhuwiex minnu dak li jallega r-rikorrent nomine li tali xogħlijiet wasslu biex "l-iskular tal-ilma mit-toroq tal-viċinanzi jiġi ddevjat u/jew imxaqleb lejn il-fond residenzjali tal-imsemmija Annelise Cilia mingħajr ma ttieħdu ebda prekawzjonijiet sabiex dan ma jseħħx";*[1]

*(iii) Meta saru r-resurfacing works, il-livelli kollha tal-junction bejn Triq Annibale Preca, Triq San Anton u Triq il-Kbira ma ntmessux u baqgħu mhux mittiefsa u fl-istat li kienu fih;*

*(iv) Ix-xogħlijiet relatati ma' resurfacing ta' Phase 1 tal-proġett kienu kkompletati f'Novembru, 2011, u ċioe ħdax-il xahar qabel ma kien irrappurtat l-inċident ta' għargħar li seħħ fit-3 ta' Settembru, 2012!*

*(v) Matul dawn il-ħdax-il xahar qabel ma kien irrappurtat l-allegat inċident ta' flooding li seħħ fit-3 ta' Settembru, 2012, din l-istess triq kienet għaddiet mit-test ta' xita oħra qawwija f'diversi ġranet, b'dan illi ħadd mir-residenti ma rrapporta xi tip ta' flooding!;*

*(vi) Sqaq numru 4 ma għandu l-ebda lqugħ u hu kompletament vulnerabbli għal flash floods li jkunu kkawżati minn xita torrenzjali bħal ma ġara dakinhar tal-allegat inċident;*

*(vii) Ma nbidel xejn mil-livelli eżistenti tat-toroq fil-viċinanzi u li allura seta' b'xi mod ikkontribwixxi għal xi għargħar;*

*(viii) Il-livelli ta' Triq San Anton ixaqilbu lejn l-istess sqaq u, apparti dan, volumi ta' ilma li jemanaw minn areas li kienu żviluppati dan l-aħħar, bħal Triq Portelli u Triq M. Debono, komplew jikkontribwixxu għar-riskju tal-għargħar;*

*(ix) Sqaq numru 4 hu f'livell aktar baxx minn Triq San Anton u għalhekk f'għargħar ta' din il-kwalità, l-isqaq iservi bħal speċi ta' lenbut u jilqa' fih l-ilmijiet torrenzjali li b'mod naturali ixaqilbu lejn il-proprjetà tas-sinjura Cilia fl-istess sqaq;*

---

[1] *Ara Rikors Promutur, paġna 2, paragrafu 4.*

*3. Illi, subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċipjent Kunsill Lokali mhux responsabbli lejn ir-rikorrent nomine u ebda danni ma huma dovuti minnu stante li:*

*(i) Ix-xogħol esegwit sar sewwa, skont l-arti u s-sengħa u kien ilu li tlesta ħdax-il xahar qabel seħħ l-allegat inċident;*

*(ii) Jekk jirriżulta li seħħ verament l-allegat għargħar, dan seħħ konsegwenza ta' kawża estranea u ċjoè kawża ta' aċċident jew forza maġġuri u fatti oħra li l-Kunsill Lokali eċċipjenti ma kellux kontroll fuqhom u dan skont artikolu 1029 tal-Kodiċi Ċivili;*

*(iii) Meta seħħ l-allegat inċident, u ċjoè nhar it-tlieta (3) ta' Settembru, 2012, ix-xita mkejla kienet stmata li kienet ta' aktar minn mija u ħamsa u għoxrin millimetru (125mm), u liema xita ma kienet xejn normali u kien effett ta' hekk li seta' seħħ l-allegat għargħar istantanju;*

*(iv) Il-volum ta' ilma fi Triq San Anton, riżultat tax-xita torrenzjali li niżlet, issarraf f'għoli fil-livell tal-ilma f'din it-triq u allura seta' kkawża l-allegat għargħar;*

*(v) Mill-mod kif qegħdin il-livelli f'din it-triq, volumi kbar ta' ilma setgħu niżlu direttament lejn l-isqaq u per konsegwenza kkawżaw għargħar fi proprjetajiet li qegħdin aktar fil-baxx bħal ma tinstab il-proprjetà mertu ta' din il-kawża;*

*(vi) Il-Kunsill Lokali intimat ma kkontribwixxiex għall-ħsara allegata u għall-allegati danni konsegwenzjali, liema ħsara kienet ikkaġunata unikament minħabba avveniment insolitu, sproporzjonat u prodott mill-forzi tan-natura, u liema avveniment ma setax jiġi evitat bid-diliġenza ordinarja ta' bonus pater familias meta wieħed iqis ukoll li l-isqaq numru 4 jinsab f'livell aktar baxx;*

*4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-kawża fil-konfront tal-Kunsill Lokali intimat saret inutilment u hi, bir-rispett, vessatorja, dan ukoll tenut kont li r-rikorrent nomine ma sofra ebda danni li jistgħu b'xi mod jiġu attribwiti lill-istess Kunsill intimat u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;*

*5. Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-Kunsill Lokali eċċipjenti jirrespinġi, u jiċħad, bil-qawwa kollha, l-allegazzjonijiet li danni ġew sofferti stante d-dħul eċċessiv ta' ilma u li l-istess kien ikkaġunat minħabba xogħlijiet li saru fit-toroq tal-viċinanzi mis-soċjetà intimata Polidano Brothers Limited fuq inkarigu tal-esponent, u liema xogħlijiet saru taħt is-sorveljanza tal-intimat Perit John Rizzo Naudi. U kwindi jekk hemm xi nuqqas dan tirrispondi għalih is-soċjetà intimata Polidano Brothers Limited;*

*6. Illi, subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, id-danni pretiżi huma eċċessivi;*

*7. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

10. Il-konvenut Perit John Rizzo Naudi ma daħħal l-ebda risposta maħlufa u għalhekk baqa' kontumaċi fil-proċeduri taħt eżami.

11. L-Ewwel Qorti qatgħet it-talbiet attriċi permezz tas-sentenza tagħha tas-16 ta' Settembru, 2020, fis-sens illi filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-kumpanija konvenuta Polidano Brothers Limited u tal-Kunsill Lokali konvenut, laqgħet it-talbiet kollha tal-attur *nomine* u (i) ddikjarat li l-konvenuti Polidano Brothers Limited, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, u l-Perit John Rizzo Naudi għandhom iħallsu solidalment bejniethom lill-attur *nomine* s-somma ta' €18,485.97, inkwantu għas-somma ta' €17,161 rappreżentanti d-danni mħallsa lil Annelise Cilia taħt il-polza tal-assigurazzjoni, flimkien mas-somma ta' €1,324.97 rappreżentanti *survey fees u loss adjusting fees* imħallsa mill-attur *nomine* marbuta ma' dan il-każ; (ii) ikkundannat lill-konvenuti kollha sabiex iħallsu solidament bejniethom lill-attur *nomine* l-imsemmija somma ta' €18,485.97; (iii) bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali, inkwantu fuq is-somma ta' €17,161 mid-19 ta' Jannar, 2014 u ċjoé d-data tas-surroga mogħtija minn Annelise Cilia u inkwantu fuq is-somma ta' €1,324.97 mill-14 ta' Lulju, 2013, id-data tal-fattura għas-*survey fees u loss adjusting fees*, kontra l-konvenuti solidament bejniethom.

12. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi hekk, kienu dawn:

*«**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>***

*Il-Qorti eżaminat l-provi mressqa quddiemha sabiex fl-ewwel lok jiġi stabbilit min mill-konvenuti għandu jġorr ir-responsabbilità għall-akkadut. L-attur nomine qiegħed jitlob rimbors tal-flejjes imħallsa minnu taħt polza tal-assigurazzjoni li kienet tkopri l-beni mobbli u immobbli li kienu jinsabu fil-proprjetà bin-numru 2, Sqaq numru 4, Triq Sant Antnin, Ħal Balzan, proprjetà ta' Ms Annelise Cilia, l-assigurata taħt l-imsemmija polza, fejn is-somma totali pretiża mill-attur nomine tammonta għal tmintax-il elf, erba' mija u ħamsa u tmenin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€18,485.97). Ms Cilia kienet fetħet claim mas-soċjetajiet li kienu jkopruha taħt il-polza tal-assigurazzjoni, wara li d-dar tagħha sofriet minn ingress qawwi ta' ilma wara maltempata qalila li ħakmet lill-gżejjer Maltin bejn it-2 u t-3 ta' Settembru, 2012, liema ilmijiet ikkawżawlha ħsarat konsiderevoli fil-proprjetà tagħha, inkluż ħsara fil-provvista tad-dawl u tgħarriq ta' diversi oġġetti li kellha, partikolarment fis-sular t'isfel tad-dar. Il-kontenzjoni ewlenija tal-attur nomine f'dawn il-proċeduri, hija li l-konvenuti għandhom jinżammu responsabbli għad-danni sofferti kawża ta' dan l-ingress ta' ilma, għaliex l-ingress tal-ilma seħħ biss wara li l-konvenuti għamlu xogħol f'toroq fl-akkwati fejn tgħix Ms Cilia, u naqsu milli jieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex jassiguraw li ma jiġu kkawżati l-ebda danni lir-residenti fl-inħawi. Diversi xhieda spjegaw li l-causa prossima tad-danni sofferti mis-Sinjura Cilia kien il-fatt li l-livell tat-toroq li saru x-xogħlijiet fihom ġie alterat, għalkemm dan ġie miċħud miż-żewġ periti li kienu inkarigati biex jagħmlu xogħol ta' superviżjoni tal-proġett, kif ukoll minħabba li xi culverts li kien hemm fi Triq Annibale Preca u li kienu jilqgħu fihom parti kbira mill-ilma tax-xita li kien jinġabar fl-inħawi, ma ġewx rimpjazzati kompletament wara li tlesta l-proġett.*

*Jirriżulta li l-Kunsill konvenut kien ippubblika sejħa għall-offerti minn kuntratturi li setgħu jagħmlu xogħol ta' resurfacing fi tliet toroq partikolari li ġew identifikati mill-Kunsill bħala toroq li kienu fi stat ħażin. Dawn it-toroq kienu Triq Robert Mifsud Bonnnici, Triq Annibale Preca u Vjal it-Trasfigurazzjoni. Meta saret l-aġġudikazzjoni tat-tender, ġie deċiż li s-soċjetà konvenuta, Polidano Brothers Limited, kellha tagħmel ix-xogħol hi permezz tal-ħaddiema tagħha, taħt is-superviżjoni tal-Perit maħtur mill-Kunsill konvenut, il-konvenut Perit John Rizzo Naudi, li ta x-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, imma baqa' kontumaċi. Ix-xogħol inkwistjoni sar fil-perijodu bejn Frar u Marzu tal-2012 u l-għargħar inkwistjoni seħħ wara l-ewwel maltempata kbira li laqtet lill-gżejjer Maltin wara x-xhur tas-sajf. Il-Qorti semgħet lil Annelise Cilia tixhed kif fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Settembru, 2012, għall-ħabta tal-ħamsa ta' filgħodu hija kienet innutat li kien dieħel ħafna ilma mill-bieb ta' barra tar-residenza tagħha, u l-livell tal-ilma fil-proprjetà għola f'ħin qasir, ikkawża shortage fis-sistema tal-elettriku, u f'ħin qasir hija sofriet danni sostanzjali fil-proprjetà tagħha u*

*f'diversi oġġetti mobbli li kellha, partikolarment minħabba li l-ilma li daħal kien imħallat ma' ilma tad-drenaġġ, u l-intensità tiegħu tant kienet qawwija li bdew ħerġin l-affarijiet li kellha stivati fl-armarji u sabet ħafna affarijiet jgħumu fl-ilma li daħal. Il-Qorti setgħet tikkonstata l-entità tal-ħsara u d-danni sofferti mill-assigurata tal-attur nomine mir-ritratti esebiti fil-proċess, fejn jidher ċar li wara li l-ilmijiet ġew ippumpjati jew tħallew jiskulaw, fid-dar ta' Cilia kien għad hemm ħafna sediment tat-tajn li baqa' fil-post. Cilia kkonfermat ukoll li sabiex eliminat l-ilma mir-residenza tagħha, hija kellha bżonn l-assistenza ta' diversi persuni, fosthom ħaddiema tal-Protezzjoni Ċivili. Cilia xehdet ukoll li wara li għarrfet lill-Kunsill konvenut b'dak li kien ġara, dakinhar stess li seħħ l-għargħar, ħaddiema tal-Kunsill konvenut kienu poġġew xi xkejjer bir-ramel fid-daħla tal-isqaq inkwistjoni sabiex iżommu l-ilmijiet tax-xita li kompliet tinżel dakinhar, milli jerġgħu jiskulaw lejn l-isqaq. Ix-xhud qalet ukoll li qabel dakinhar qatt ma kellha problema ta' ingress ta' ilma fir-residenza tagħha, u lanqas wara x-xogħol rimedjali li sar fil-culverts fi Triq Annibale Preca, ma reġa' kellha problemi bl-ingress tal-ilma. Ix-xhud ikkonfermat li qabel l-għargħar mertu tal-kawża, kien hemm episodju wieħed, wara li kienu tlestew ix-xogħlijiet inkwistjoni, fejn hija sofriet minn ingress ta' ilma fid-dar tagħha, fl-10 ta' Marzu 2012, proprju eżattament kif tlestew dawn ix-xogħlijiet.*

*Dak li xehdet Annelise Cilia ġie kkonfermat mill-Perit Philip Grech, li ġie inkarigat minn Ms Cilia sabiex jikkonstata xi ħsarat kellha fid-dar tagħha. Dan ix-xhud qal li meta huwa mar fid-dar ta' Ms Cilia, seta' jara l-livell tal-ilma sa fejn kien tela', u qal li l-isprall li kien hemm quddiem il-bieb tad-dar tagħha ma bediex ilaħħaq mal-volum ta' ilma li niżel f'salt. Dan ix-xhud qal li għalkemm l-ammont ta' xita li niżlet kien wieħed sostanzjali, is-sitwazzjoni kienet aggravata bix-xogħlijiet infrastrutturali mertu ta' din il-kawża. Il-Perit Grech qal li sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet bħall-għargħar mertu tal-kawża, huwa meħtieġ li jsir ħafna xogħol ta' ippjanar u jittieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji qabel jinbeda proġett bħal dan.*

*Il-Qorti kkonsidrat ukoll id-dokumenti esebiti minn Roderick Vella u l-korrispondenza ppreżentata minnu, fejn fit-23 ta' April, 2012, Alex Borg, impjegat fil-Plant Biotechnology Centre ta' Ħal Lija, kien diġà wera t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-culvert li kien hemm quddiem iċ-Ċentru tal-Bioteknoloġija tal-Pjanti, ma ġiex rimpjazzat kompletament wara x-xogħlijiet li saru fit-toroq tal-madwar. Dak iż-żmien Borg kien wera t-tħassib tiegħu għaliex wara x-xita li niżlet dak iż-żmien, ġie nnutat li ħafna mill-ilma nħela u baqa' nieżel lejn iż-żona residenzjali minflok inġabar fil-culvert għall-użu taċ-Ċentru kif kien isir qabel. Il-Qorti kellha l-opportunità tisma' lix-xhud Alex Borg jgħid li huwa kien jikkomunika mal-Perit John Rizzo Naudi wara li beda l-proġett, partikolarment wara li wieħed mill-foremen kien infurmah li l-culvert biswit iċ-Ċentru tal-Bioteknoloġija tal-Pjanti ma kienx ser jiġi rimpjazzat, wara li ġie deċiż li jkun hemm tibdil fil-qlib tat-triq. Kien dan ix-xhud li kkonferma quddiem il-Qorti, li wara li saru x-xogħlijiet mill-Kunsilll ta' Ħal Lija, dan il-culvert ma ġiex rimpjazzat tul it-triq kollha kif kien qabel, u għalhekk meta bdiet tagħmel ix-xita, din bdiet tinżel u tiskula fid-direzzjoni ta' fejn hemm ir-residenzi tan-nies.*

*In-Nutar Ian Castaldi Paris, li fiż-żmien li meta seħħ l-għargħar kien is-Sindku ta' Ħal Lija, ikkonferma li wara l-ewwel xita qawwija li għamlet wara li tlesta l-proġett inkwistjoni, kien hemm ħafna ilmenti mir-residenti minħabba fl-għargħar li kien seħħ. Ix-xhud qal li l-culverts li kien hemm qabel sar il-proġett ma ġewx rimpjazzati kompletament, u għalhekk ma kien hemm l-ebda lqugħ sabiex iżomm l-ilma milli jibqa' nieżel lejn ir-residenzi tan-nies*

*Min-naħa tiegħu l-Perit Rizzo Naudi qal li mhux minnu li minħabba f'dan il-proġett kienu nbidlu l-livelli tat-toroq fl-inħawi. Dan ix-xhud qal li x-xogħol kollu sar taħt is-superviżjoni tiegħu, u wara li tlestew ix-xogħlijiet huwa kien iċċertifika li x-xogħol sar skont l-ogħla standards u skont it-termini tal-kuntratt. Il-Perit Rizzo Naudi qal li l-għargħar inkwistjoni kien seħħ minħabba li dakinhar kienet niżlet xita li mhijiex normali u għalhekk ġew ikkawżati diversi problemi fl-inħawi. Qal ukoll li minkejja li ma kien hemm l-ebda tibdil fil-livelli tat-toroq, b'effett ta' dan il-proġett kien hemm tibdil fil-qlib tal-ilma. Il-konvenut il-Perit Rizzo Naudi kkonferma li l-culvert li kien hemm biswit il-Plant Biotechnology Centre tħalla fil-post, għalkemm parti minnu kienet tneħħiet waqt ix-xogħlijiet inkwistjoni.*

*Il-perit tas-soċjetà konvenuta Polidano Brothers Limited, il-Perit Joseph Cachia xehed li x-xogħol li sar mis-soċjetà konvenuta kien jinvolvi l-qlugħ tat-triq u l-kisi tagħha b'saff tarmac ġdid. Qal li l-klijent ta' dan il-proġett kien il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, u kien il-Perit Rizzo Naudi, il-perit tal-kunsill konvenut, li ċċertifika x-xogħol li sar. Ix-xhud qal ukoll li l-Perit Rizzo Naudi kellu jservi bħala l-punt ta' riferiment bejn il-ħaddiema tal-kuntrattur u l-klijent, f'dan il-każ, il-Kunsill Lokali. Qal ukoll li l-istruzzjonijiet kienu jingħataw mill-Perit Rizzo Naudi, li kien ikun fuq is-sit isegwi x-xogħlijiet li jsiru. Dan ix-xhud qal li mhux minnu li kien hemm tibdil fil-livell tat-triq u qal li l-livelli tat-toroq f'każijiet simili jiġu stabbiliti mill-Awtorità tal-Ippjanar.*

*Wara li semgħet u evalwat il-provi mressqa quddiemha, il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-causa prossima tal-ħsarat mertu tal-kawża, kien ix-xogħol ta' resurfacing ta' numru ta' toroq f'Ħal Lija. Il-fatt li qabel sar dan il-proġett, Ms Cilia u residenti oħra fl-inħawi qatt ma kienu esperjenzaw problemi bl-ingress tal-ilma, għajr għal ċertu George Borg Cardona li kien ilu jagħmel ilmenti dwar l-ingress tal-ilma fid-dar tiegħu li però ma tinsabx fl-istess parti tat-triq fejn hemm ir-residenza ta' Ms Cilia, huwa indikatur qawwi li l-qlib tat-triq inkwistjoni inbidel biss konsegwenza tax-xogħlijiet inkwistjoni. Mill-provi mressqa ma jirriżultax li nbidlu l-livelli tat-toroq li saru x-xogħlijiet fihom, iżda jirriżulta bl-aktar mod ċar li dak li kkawża l-ħsarat fir-residenza ta' Ms Cilia u l-volum qawwi ta' ilma li nġabar fis-sqaq, kien il-fatt li l-culverts li kien hemm aktar 'il fuq fit-triq tneħħew biex isir il-proġett, u ma ġewx rimpjazzati fl-intier tagħhom. Mill-provi dokumentarji esebiti jirriżulta li l-problema bdiet tinħass prattikament minn kif tlesta l-proġett, u Alex Borg, dak iż-żmien impjegat fil-Plant Biotechnology Centre, kien diġà wera t-tħassib tiegħu għall-fatt li wara x-xita li niżlet f'April ta' dik l-istess sena, ġie nnutat li ħafna mill-*

*ilma ma ngħabarx fil-culvert biswit iċ-Ċentru, iżda baqa' nieżel lejn l-inħawi residenzjali ta' Ħal Lija u Ħal Balzan. Dan ġie kkonfermat minn persuni oħra li xehdu, fosthom min-Nutar Ian Castaldi Paris, li dak iż-żmien kien Sindku tal-lokal ta' Ħal Lija, u li kkonferma li l-culverts li kienu fil-parti ta' fuq ta' Triq Annibale Preca ma ġewx rimpjazzati kompletament wara x-xogħlijiet inkwistjoni.*

*<u>L-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta</u>*

*Qabel tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-responsabbilità ta' kull wieħed mill-konvenuti f'dawn il-proċeduri, din il-Qorti sejra tikkonsidra fil-qosor l-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà konvenuta Polidano Brothers Limited, fejn intqal li din l-azzjoni attriċi hija nulla peress li Joseph Mallia bħala rappreżentant ġuridiku ta' Lloyd's, qatt ma seta' jipproponi din l-azzjoni għaliex is-surroga fil-jeddijiet ta' Annelise Cilia saret favur il-Millenium Insurance Agency Limited, u mhux favur Lloyd's Malta Limited. Jirriżulta li Annelise Cilia kellha polza tal-assigurazzjoni li kienet tkopri l-ħsarat kollha li setgħu sseħħu fil-proprjetà tagħha, kemm fil-bini kif ukoll fl-oġġetti mobbli li hija kellha fid-dar, u l-claim ta' Cilia saret tramite l-Island Insurance Brokers Limited. Il-ħlas tal-ammont li ġie stabbilit li għandu jitħallas lil Cilia wara li saru l-verifiki mil-loss adjuster James Magri, sar minn Millenium Insurance Agency Limited, u d-discharge and subrogation form iffirmata minn Cilia saret favur il-Millenium Insurance Agency Limited, kif jirriżulta mid-dokumenti esebiti. Il-Qorti tirrileva li kif ġie ppruvat mid-dokumenti esebiti in atti, Joseph Mallia huwa r-rappreżentant ġuridiku ta' Lloyd's (Malta) Limited kif ukoll huwa l-managing director tas-soċjetà Millenium Insurance Agency Limited, li hija l-binder holder tad-diversi sindakati ta' Lloyd's li taħthom inħarġet il-polza. Kien għalhekk li s-surroga saret favur il-Millenium Insurance Agency Limited bħala l-entità li l-assiguratur, f'dan il-każ Lloyd's, għażel biex tamministra l-poloz tal-assigurata tiegħu, u dan ai termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 48A tal-Kap. 403 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni preliminari qiegħda tiġi miċħuda.*

*Mill-provi prodotti jirriżulta li filwaqt li l-proġett ta' resurfacing ta' toroq kien proġett tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, kienet is-soċjetà konvenuta Polidano Brothers Limited li ġiet inkarigata bit-twettiq ta' dan il-proġett, liema proġett sar taħt is-superviżjoni tal-Perit tal-Kunsill konvenut John Rizzo Naudi u tal-Perit tas-soċjetà konvenuta Joseph Cachia. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet din l-istess Qorti kif diversament preseduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet* ***Tristan Camilleri et vs. l-Awtorità għat-Trasport f'Malta*** *et*[2]*, fejn il-Qorti, b'riferiment għal mertu li wkoll kien jikkonċerna l-maltempata tat-3 ta' Settembru, 2012 qalet hekk:*

> *"Jibda biex jingħad li għalkemm ix-xita hija fenomenu naturali li fuqha l-bniedem m'għandu l-ebda kontroll, min hu responsabbli minn xogħlijiet bħal ma saru fil-każ odjern għandu d-dover li jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex tali xogħlijiet jiu esegwiti bl-inqas inkonvenjent*

[2] *09.10.2017.*

*u ħsara possibbli lill-proprjetarji tal-fondi fl-akwati. Dan jgħodd kemm għal min jikkummissjona x-xogħol u anke għal min jesegwih."*

*Dak li trid taċċerta ruħha minnu din il-Qorti huwa jekk l-attur nomine irnexxilux jipprova li l-konvenuti, jew min minnhom, naqsux milli jieħdu l-prekawzjonijiet mistennija minn bonus paterfamilias mistennija minnhom, sabiex jassiguraw li ma sseħħx ħsara fir-residenzi tal-persuni li jgħixu fl-inħawi in segwitu għax-xogħlijiet inkwistjoni. L-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi r-regola ġenerali li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha, filwaqt li l-artikolu 1032 jistabbilixxi illi persuna titqies fi ħtija jekk din f'għemilha tonqos milli teżerċita l-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja. M'hemmx dubju li l-ħsara riskontrata minn Annelise Cilia fil-proprjetà tagħha hija riżultat dirett tax-xogħlijiet li saru mis-soċjetà konvenuta Polidano Brothers Limited, li fl-eżerċizzju tax-xogħol li ġiet inkarigata tagħmel, naqset milli tieħu l-prekawzjonijiet neċessarji u tassigura li ma ssirx ħsara fil-proprjetà tar-residenti. Kif jirriżulta mill-provi, li kieku l-qlib tat-triq ma nbidilx, u l-culverts li kien hemm fit-triq ġew rimpjazzati fit-totalità tagħhom, l-għargħar probabbilment ma kienx iseħħ. Mill-provi rriżulta li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni diretta bejn il-Perit Rizzo Naudi, li kien inkarigat mis-sorveljanza tal-proġett min-naħa tal-Kunsill Lokali, u l-Perit Cachia inkarigat mis-soċjetà konvenuta, li xehed li diversi drabi huwa ma kienx ikun fuq is-sit, u l-ħaddiema tas-soċjetà konvenuta kienu jieħdu l-ordnijiet direttament mingħand il-Perit Rizzo Naudi.[3] Kien dan li wassal għal sitwazzjoni fejn ma ttiħdux il-prekawzjonijiet kollha li kellhom jittieħdu, liema nuqqas wassal għal sitwazzjoni fejn waħda mir-residenti li jgħixu fl-inħawi tat-toroq fejn sar il-proġett, sofriet ħsarat sostanzjali fil-proprjetà tagħha. Jirriżulta li wara li seħħ l-akkadut, kienet saret l-installazzjoni ta' sleeping policeman fit-tarf tal-isqaq, u r-rimpjazzament ta' wieħed mill-culverts fi Triq Annibale Preca, li konsegwentement il-problema tal-għargħar li mmanifestat ruħha fi Sqaq Sant' Antnin, ġiet solvuta. L-akkadut seħħ għaliex xi ħadd mill-konvenuti ma użax prudenza, diliġenza jew għaqal fil-mod kif ġie kkummissjonat ix-xogħol u fl-eżekuzzjoni tiegħu. Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni fl-ismijiet* ***Carmen Pecorella noe et vs. Lino u Angele Stafrace et***[4]*, fejn dwar ir-responsabbilità li għandha tinġarr mill-Perit inkarigat minn proġett, il-Qorti qalet:*

*"Illi huwa wkoll miżmum li l-għaqal u d-diliġenza li jrid juri l-professjonist fit-twettiq ta' xogħlu huwa dak mistenni normalment minn professjonist tal-affari tiegħu, aġġornat fit-tagħrif li l-professjoni (jew il-qasam li jaħdem fih) tistenna minn kull kollega tiegħu, u mwettaq bl-attenzjoni u r-reqqa li x-xogħol li jissejjaħ jagħmel jitlob mill-każ. Dan jitlob kejl oġġettiv. Sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni ta' liġi li tgħid mod*

---

[3] *Dan però huwa kontradett b'dak li xehed Ian Farrugia (ara fol. 20 ta' din is-sentenza) foreman mas-soċjetà konvenuta, li qal li huwa kien jieħu l-istruzzjonijiet mingħand il-perit tal-kumpanija Joseph Cachia. Dan ix-xhud qal ukoll li l-verifiki neċessarji qabel inbeda l-proġett saru mill-Perit Cachia u kien dan il-perit li ggwidah dwar dak li kellu jagħmel hu bħala foreman. Skont dan ix-xhud kien il-Perit Joseph Cachia li ċċertifika li x-xogħol li sar kien tajjeb.*

[4] *20.07.2020.*

*ieħor dwar il-professjoni li tkun, ħadd ma jwieġeb għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, għaqal jew ħsieb fi grad akbar."*

*Il-Qorti tqis li f'dan il-każ il-konvenut il-Perit John Rizzo Naudi wera nuqqas ta' għaqal u diliġenza fit-twettiq tad-dmirijiet professjonali tiegħu. Wieħed m'għandux bżonn xi abbilità straordinarja biex jipprevedi li l-eliminazzjoni ta' culvert jew it-tnaqqis tal-volum tal-ilma li culvert jista' jassorbi, inevitabbilment ser twassal għal problemi kull meta tinżel xita qawwija, partikolarment f'żoni li diġà huma magħrufa li jsofru minn għargħar minħabba li qegħdin f'livell aktar baxx minn villaġġi fil-madwar, bħalma hija ż-żona fejn hemm id-dar ta' Ms Cilia. Dak li ġara lil Ms Cilia kien prevedibbli u seta' jiġi evitat, kif jirriżulta ċar anki mill-fatt li meta l-Kunsill konvenut poġġa xi xkejjer bir-ramel fit-tarf tal-isqaq u installa sleeping policeman, dawn wasslu biex fid-dar ta' Ms Cilia ma reġax kien hemm problema ta' ingress ta' ilma għad li naturalment kien hemm drabi oħra fejn għamlet ħafna xita. Il-Qorti qieset ukoll id-difiża miġjuba mill-Kunsill konvenut, li qal li dak li ġara kien riżultat ta' forza maġġuri, għaliex l-ammont ta' xita li tkejlet fil-pajjiż dakinhar kienet waħda straordinarja. Il-Qorti tirrileva li s-Sinjura Cilia stess xehdet li minkejja li kienet ilha toqgħod fir-residenza tagħha bosta snin, u minkejja li din ma kinitx l-ewwel darba li niżlet xita qawwija, din kienet l-unika darba li hija sofriet minn ingress tal-ilma fir-residenza tagħha. Ma kien hemm l-ebda forza maġġuri f'dan kollu, għaliex kif intqal diġà, dan l-inċident seta' ġie evitat bi ftit ippjanar u bit-teħid tal-prekawzjonijiet meħtieġa da parti tal-konvenuti. Il-Qorti tqis li għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, anki s-soċjetà konvenuta għandha tinżamm responsabbli għall-akkadut, 'il għaliex ma jistax il-Perit tagħha Joseph Cachia, wara li ex-admissis stqarr li l-inkarigu li kellu kien li jissorvelja x-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru u li kien responsabbli mis-superviżjoni tal-proġett, imbagħad jasal biex jgħid li ma kienx kompitu tiegħu li jikkonferma li l-culverts li kien hemm fil-bidu tat-triq fejn sar il-proġett, baqgħu f'posthom meta tlesta l-proġett.*

*Jirriżulta wkoll li d-danni pretiżi mill-attur nomine huma ppruvati, u filwaqt li l-ammont ta' sbatax-il elf, mija u wieħed u sittin Euro (€17,161) tħallas lil Annelise Cilia mis-soċjetà Millenium Insurance Agency Limited, kien hemm ħlas ieħor fl-ammont ta' elf, tliet mija u erbgħa u għoxrin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€1,324.97) li sar lil James Magri għar-rapport tiegħu bħala surveyor.*

*Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u tilqa' t-talbiet tal-attur nomine fit-totalità tagħhom.»*

13. Il-konvenut Perit John Rizzo Naudi ressaq l-appell tiegħu mill-imsemmija sentenza fil-kawża fl-ismijiet premessi, fejn talab lil din il-Qorti tħassar is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta'

Settembru, 2020, u minflok tiddeċiedi li tiċħad it-talbiet tal-attur *nomine,* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur *nomine.*

14. Il-kunsill konvenut ta' Ħal-Lija filwaqt li ressaq ir-risposta tal-appell tiegħu għall-appell tal-Perit John Rizzo Naudi, fejn talab li dan jiġi milqugħ, ressaq ukoll appell inċidentali fejn talab lil din il-Qorti tħassar is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Settembru, 2020, u minflok tiddeċiedi li tiċħad it-talbiet tal-attur *nomine,* fil-konfront tal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur *nomine.*

15. Il-kumpanija Poldano Brothers Limited ukoll ressqet risposta tal-appell għall-appell tal-Perit John Rizzo Naudi fejn talbet li l-appell tal-perit appellant għandu jintlaqa' wkoll fil-konfront tal-bqija tal-konvenuti, ressqet ukoll appell inċidentali fejn talbet lil din il-Qorti tħassar is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Settembru, 2020, u minflok tiddeċiedi li tiċħad it-talbiet tal-attur *nomine,* fil-konfront tagħha, billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur *nomine.*

16. L-appellat *nomine* wieġeb għall-imsemmija appell prinċipali, kif ukoll għaż-żewġ appelli inċidentali, fejn talab lil din il-Qorti tiċħad l-appelli

mressqa minn kull konvenut, sabiex minflok tikkonferma s-sentenza appellata fis-sħiħ, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

17. Inżamm smigħ fis-26 ta' Novembru, 2024, fejn id-difensuri tal-partijiet ittrattaw kemm l-appell prinċipali kif ukoll l-appelli inċidentali u talbu li l-kawża tibqa' għas-sentenza, u minn hemm l-appell baqa' għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

18. L-appell prinċipali tal-Perit John Rizzo Naudi jissejjes fuq żewġ aggravji prinċipali, jiġifieri: (i) li ma kien hemm l-ebda nuqqas min-naħa tal-konvenuti b'mod partikolari tal-istess perit, li jsostni li ma ntwera bl-ebda mod li kien hemm xi negliġenza jew nuqqas jew xogħol mhux professjonali, jew mhux skont is-sengħa u l-arti mill-konvenut appellant u (ii) li l-Ewwel Qorti ma tatx debitu piż għall-fatt li l-maltempata tat-2 ta' Settembru, 2012 kienet waħda epokali li wasslet għal diversi inċidenti u għargħar f'bosta nħawi ta' Malta li kienet tikkostitwixxi forza maġġuri u anke jekk għall-grazzja tal-argument, kien hemm xi nuqqasijiet fix-xogħlijiet, huwa għal kollox improbabbli li dawn kellhom xi impatt relevanti fuq il-livelli tal-ilma li nġemgħu dakinhar.

19. L-appell inċidentali tal-Kunsill Lokali huwa bażikament imfassal fuq l-istess linji tal-appell prinċipali jiġifieri: (i) li ma kien hemm l-ebda nuqqas min-naħa tal-konvenuti b'dan illi l-aggravju jiċċentra fuq nuqqas ta' responsabbiltà min-naħa tal-Kunsill Lokali u (ii) l-forza maġġuri.

20. Filwaqt li l-appell inċidentali tal-kumpanija konvenuta jiċċentra fuq żewġ aggravji, b'dan illi l-ewwel wieħed jitratta l-applikazzjoni jew interpretazzjoni ħażina tal-liġi meta l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tagħha li l-azzjoni attriċi hija nulla peress li Joseph Mallia bħala rappreżentant ġuridiku ta' Lloyd's qatt ma seta' jipproponi din l-azzjoni għaliex is-surroga fil-jeddijiet ta' Annelise Cilia saret favur Millenium Insurance Agency u mhux favur Lloyd's Malta Limited. Filwaqt li t-tieni aggravju huwa fis-sens li sar apprezzament ħażin tal-fatti li wassal għal applikazzjoni ħażina tal-liġi, kemm f'dak li għandha x'taqsam ir-responsabbiltà għall-akkadut, kif ukoll fir-rigward tal-forza maġġuri.

21. Jibda billi jiġi trattat il-punt imqanqal mill-partijiet kemm fl-appell prinċipali tal-konvenut Perit Rizzo Naudi, fl-appell inċidentali tal-Kunsill Lokali, kif ukoll fir-risposti tal-appell, dak dwar il-funzjonijiet ta' din il-Qorti ta' reviżjoni u li m'għandux jiġi disturbat l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti ħlief għal raġunijiet gravi.

22. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-5 t'Ottubru, 2023, fil-kawża fl-ismijiet **G&L Bugeja Limited v. Rickard Company Limited et:**

> *«...ir-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn Qorti tal-ewwel grad, jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jew meta jintwera li dak l-apprezzament ikun wieħed irraġonevoli, jew jinsab kontradett mill-fatti riżultanti mill-proċess (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Jannar, 2018, filkawża fl-ismijiet* ***Josephine Agius v. Piju Theuma****). Madankollu, huwa minnu wkoll li, «il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-Ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti» (ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti tal-31 ta' Mejju, 2023 fil-kawża flismijiet* ***Joseph Grech et v. Nazzareno Grech****; u dik tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet* ***Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et****).»*

23. Ġaladarba l-appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u waslet għall-konklużjonijiet żbaljati, ikun meħtieġ li din il-Qorti tifli mill-ġdid il-provi fl-atti, sabiex tagħmel apprezzament awtonomu ta' dak li hemm ippreżentat fl-atti tal-kawża u tqis jekk il-konklużjoni milħuqa mill-Ewwel Qorti kenitx waħda li setgħet raġonevolment tasal għaliha.

24. Madankollu, jitqies xieraq li l-ewwel jiġi trattat **l-ewwel aggravju tal-kumpanija konvenuta appellanti inċidentalment**, dak fejn issostni li l-azzjoni attriċi hija nulla peress li Joseph Mallia bħala rappreżentant ġuridiku ta' Lloyd's qatt ma seta' jipproponi din l-azzjoni għaliex is-surroga fil-jeddijiet ta' Annelise Cilia saret favur Millenium Insurance Agency u mhux favur Lloyd's Malta Limited, ġaladarba jitratta punt preliminari li jekk jintlaqa' jaf jaffettwa l-bqija tal-każ.

25. Il-liġi tagħna tikkontempla l-ħlas bis-surroga fl-Artikoli **1164 sa 1167 tal-Kodiċi Ċivili.** Is-surroga tista' tkun waħda legali jew konvenzjonali. Il-Qrati tagħna sostnew li ġaladarba d-ditta tal-assigurazzjoni tagħmel tajjeb għad-danni konsegwenza ta' inċident li jkun seħħ u tħallas lid-danneġġat, kif tkun obbligata li tagħmel skont il-kuntratt tal-assigurazzjoni, allura sseħħ *ipso iure* s-surroga skont l-**Artikolu 1166 (ċ) tal-Kodiċi Ċivili**. Dan ifisser li bis-surroga, l-kumpanija assiguratriċi takkwista b'titolu derivattiv id-drittijiet tal-assigurat tagħha u tista' tidħol f'azzjoni diretta kontra d-danneġġant. (Ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Ġunju, 2009 fl-ismijiet ***Avukat Dottor Philip Manduca nomine v. Alfred Vassallo et*** u dik tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-20 t'April, 2005, fl-ismijiet ***Untours Insurance Agents Limited nomine v. Salvatore Zarb***).

26. Minn dan jinżel li, wara li din il-Qorti eżaminat l-atti tal-kawża, irriżulta li d-danneġġata Annelise Cilia kellha polza tal-assigurazzjoni li kienet iġġib referenza P1002157[5] maħruġa minn Millenium Insurance Agency Limited għan-nom tal-assigurazzjoni Lloyd's London (li magħha hemm marbuta numru ta' sindakati[6]). Minn ħarsa lejn il-polza jirriżulta ċar li Millenium Insurance Agency kienet qiegħda toħroġ il-polza "*for and on behalf of Lloyd's underwriters".* Minn dan isegwi li l-kumpanija appellanti m'għandhiex raġun meta fl-appell tagħha tgħid li Lloyd's ma ħarġet l-ebda assigurazzjoni lil Annelise Cilia u li Lloyd's ma tiċċentra xejn fil-kwadru tal-każ.

27. Dan ġie spjegat ukoll fl-affidavit ta' Joseph Mallia[7] li jfisser kif il-polza kienet maħruġa għan-nom tal-membri ta' Lloyd's li flimkien jiffurmaw id-ditta assiguratriċi. Mallia xehed kif huwa l-Managing Director ta' Millenium Insurance Agency li bħala *binderholder* reġistrata mal-Awtorità ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji, ħarġet il-polza għan-nom tal-membri ta' Lloyd's li flimkien jiffurmaw id-ditta assiguratriċi, jiġifieri s-sindakati li jġibu n-numru 510, 2007, 609 u 382. Din ix-xhieda qatt ma ġiet kontradetta. Anzi, id-dikjarazzjoni ta' surroga minn Annelise Cilia saret fid-19 ta' Jannar, 2014, li fiha ngħad li hija rċeviet il-ħlas ta' €17,161 mingħand "*certain underwriters at Lloyd's through Millenium Insurance*

[5] Ara Dok. 'A' f'paġna 6 tal-proċess.
[6] Ara paġna 9 tal-proċess.
[7] Ara paġna 71 tal-proċess.

*Agency Limited"*[8]. Dan ifisser li l-kumpanija appellanti ma tgħidx sew li s-surroga ma saritx favur Lloyd's.

28. Barra minn hekk, kif ġustament ingħad mill-Ewwel Qorti, meta għamlet referenza għall-**Artikolu 48A tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni** l-liġi għandha wkoll provvedimenti speċjali li proprju jitrattaw Lloyd's. Għalhekk ma jistax jingħad li Joseph Mallia ma setax jipproponi l-azzjoni kif fil-fatt ġiet imressqa. Isegwi li dan l-ewwel aggravju ser jiġi miċħud.

29. Imiss li jiġi trattat aggravju komuni fit-tliet appelli, dak fejn jingħad li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li l-konvenuti kienu responsabbli għall-inċident ta' għargħar li seħħ fid-dar tal-assigurata Annelise Cilia, hekk kif kull wieħed mill-appellanti, għal raġunijiet differenti, jipprova jaħsel idejh minn dak li ġara.

30. **Fl-ewwel aggravju fl-appell tiegħu, il-Perit konvenut Rizzo Naudi** jingħad li, il-paragun magħmul mill-Ewwel Qorti mal-każ fejn persuni kienu ġarrbu d-danni waqt li kienu qegħdin jitwettqu x-xogħlijiet infrastrutturali fil-viċinanzi tagħhom fl-istess żminijiet tal-każ taħt eżami ma jreġix, peress li għalkemm dan il-każ nibet mill-istess maltempata, iċ-ċirkostanzi kienu differenti hekk kif f'dan il-każ ix-xogħlijiet kienu tlestew

---

[8] Ara paġna 18 tal-proċess.

ferm qabel ma seħħ l-għargħar. Barra minn hekk, l-appellant Rizzo Naudi jisħaq li l-attur kellu juri li x-xogħlijiet infushom ma sarux skont l-arti u s-sengħa, b'tali mod li wasslu sabiex seħħ l-għargħar mertu tal-kawża. Ifisser il-għala fil-fehma tiegħu, ir-raġunijiet mogħtija mill-Ewwel Qorti sabiex sabet li huwa kien responsabbli, jiġifieri l-qlib tat-toroq li nbidel għal fejn kienet toqgħod l-assigurata, li l-*culverts* li kien hemm fit-triq ma ġewx mibdula kollha u n-nuqqas ta' komunikazzjoni bejnu u l-Perit Cachia nkarigat mill-kumpanija konvenuta, kienu kollha żbaljati.

31. Jibda billi jingħad li, lil hinn mill-fatt li ċ-ċirkostanzi tal-każ imsemmi mill-Ewwel Qorti kienu differenti, jibqa' l-fatt li l-azzjoni attriċi tissejjes fuq il-*culpa akwiliana*. Kif sewwa ngħad mill-Ewwel Qorti, filwaqt li l-**Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu, l-**Artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

32. Għalhekk jibqa' jgħodd il-prinċipju li min jikkawża l-ħsara lil ħaddieħor, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tirriżulta, jew għad-danni kkaġunati konsegwenza tal-att tieghu. Barra minn hekk, meta wieħed jitkellem dwar responsabbiltà ċivili din tista' titqies mill-imġiba u jekk jistax jingħad li kien hemm aġir doluż jew kolpuż. Minkejja li l-liġi ċivili tagħna ma tagħtix tifsira ta' kolpa, iżda fl-istess waqt jingħad

jew tixxebbah ma’ nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb tal-*bonus paterfamilias*. Dan huwa l-kejl li fuqu jeħtieġ li jitqies l-aġir tal-konvenuti sabiex ikun jista’ jingħad jekk kienux responsabbli għad-danni li ġarrbet l-assigurata jew le. Fil-fatt hekk ingħad mill-Ewwel Qorti.

33. Ngħaddu għall-argument tal-Perit Rizzo Naudi li bix-xogħlijiet li twettqu taħt l-indukrar tiegħu nżammu l-istess livelli. Minkejja li huwa minnu li l-imsemmi perit jisħaq fix-xhieda mogħtija minnu permezz ta’ affidavit[9] li bix-xogħlijiet li saru fit-toroq fil-viċinanzi tal-proprjetà tal-assigurata nżammu l-istess livelli u li allura ma nbidel xejn f’dak li huwa x-xaqlib tal-ilma fit-toroq, minn eżami tal-provi fl-atti, irriżulta lil din il-Qorti li dan l-argument tal-perit mhuwiex wieħed siewi.

34. Dan jingħad peress li kuntrarjament għal dak li jingħad mill-perit appellant, tressqet prova teknika li tmur kontra dak li jingħad minnu. Hawnhekk issir referenza għax-xhieda u r-rapport[10] ippreżentat mill-Perit Philip B. Grech, li kien inkarigat mill-assigurata, fejn jingħad minnu hekk: *« ...it is evident that the effect of the storm on this property was aggravated by the surface slope of the recently black-topped road works in Triq Annibale Preca, which is to the North and West of the site.»*

[9] Ara Dok. JRN 1 f’paġna 851.
[10] Ara Dok. PG 1 f’paġna 575 tal-proċess.

35. Hekk ukoll, jirriżulta li minn rapport imħejji mill-istess Perit Rizzo Naudi għall-Kunsill Lokali Ħal-Lija fit-30 ta' Marzu, 2012, jiġifieri ħames xhur qabel l-inċident tal-għargħar, ingħad minnu hekk, b'rabta max-xogħlijiet fi Triq Annibale Preca li tiġi ftit 'il fuq mill-intersezzjoni li tagħti għal Triq Sant'Antnin, fejn hemm l-isqaq li jagħti għad-dar tal-assigurata : «*The erratic house alignments and pavements levels meant that in several areas of the road works increased tarmac thickness from 80mm to 100mm had to be planned to make up for the difference in road levels to correct falls and pavement levels in order to minimize risk of flooding of exisiting semi-basement apartment blocks and also in other cases to reduce the height of kerb/road levels.*»

36. Barra minn hekk, l-inkonsistenza fix-xhieda tal-istess perit tirriżulta wkoll meta għalkemm fil-bidu tal-kontroeżami tiegħu saħaq li matul ix-xogħlijiet żammew l-istess livelli, waqt l-istess kontroeżami tiegħu, il-Perit Rizzo Naudi xehed li: «*a decision was taken to shift the falls of the road towards the righthand side of the street i.e. the side of the Plant Health Centre since the eventual flow of the surface run-off on the right hand side has increased, the culvert will be able to catch more...increased volume thereby eliminating the need for another culvert*[11]*.*» Ikompli billi jammetti li sar il-qlib lejn il-lemin sabiex l-ilma jiġi żvijjat lejn fejn hemm il-

[11] Ara f'dan is-sens il-korrispondenza li bagħat il-perit appellant fil-15 ta' Marzu, 2012, kif jirriżulta mid-dokument esebit f'paġna 680 tal-proċess.

ġibjun[12]. Għalkemm il-perit jinsisti li l-livelli fejn hemm l-intersezzjoni bejn Triq Annibale Preca, Triq Sant'Antnin u Triq il-Kbira ma nbidlux, huwa pjuttost loġiku li jekk Triq Annibale Preca hija għan-niżla u fin-naħa ta' fuq tat-triq l-ilma jeqleb lejn in-naħa tal-lemin int u nieżel mit-triq, huwa naturali li l-ilma li ma jinqabadx fil-*culvert,* ikompli jżomm ma' dik in-naħa tat-triq huwa u nieżel lejn l-imsemmija intersezzjoni, li jiġi allura fuq ix-xaqliba ta' fejn hemm is-sqaq li jagħti għall-proprjetà tal-assigurata. Isegwi li l-ilment tal-perit appellant f'dan ir-rigward ma jreġix hekk kif jinsab kontradett mill-provi.

37. L-istess jingħad fil-każ tal-*culverts.* Il-perit appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti żbaljat meta aċċettat bħala minnu li tneħħew xi *culverts* li qabel kienu jilqgħu l-ilma tax-xita. Dan jinsab kontestat bil-qawwa mill-appellat *nomine* fir-risposta tal-appell tiegħu.

38. Lil hinn mill-fatt li din il-Qorti tista' tifhem li l-partijiet fil-kawża jkunu offrew verżjonijiet kontrastanti meta jressqu x-xhieda tagħhom, peress li jistgħu jkunu suġġettivi sabiex isostnu aħjar il-verżjoni tagħhom, madankollu l-ġudikant għandu jagħraf jislet mill-provi dawk l-elementi li fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jsostnu aktar il-verżjoni ta' xi waħda mill-partijiet bħala li tkun aktar kredibbli mill-oħra. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu

[12] Ara paġna 1068 tal-proċess.

jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-23 ta' Novembru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet ***Maureen Wood v. John Attard***).

39. Minn dan jinżel li, l-perit appellant huwa selettiv meta jingħad minnu li fl-aħħar mill-aħħar il-*culverts* kollha ġew rimpjazzati. Dan jingħad mhux biss peress li mix-xhieda li ngħatat mill-istess perit taħt kontroeżami rriżulta li biċċa mill-*culvert* ma saritx kollha peress li fil-fehma tal-perit kienet inutili[13] (!) iżda wkoll peress li l-punt kruċjali huwa meta l-*culverts* kollha ġew rimpjazzati. Lil hinn minn dak li jingħad mill-assigurata, hemm provi ċari fl-atti volominużi tal-proċess li l-perit appellant kien daħal f'korrispondenza estensiva xhur qabel ma seħħ l-għargħar mal-Uffiċjali tad-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti, kif ukoll, saħansitra waqt li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet, fejn b'referenza għall-*culvert* li kien hemm tul it-triq quddiem iċ-Ċentru tagħhom, li kien jintuża sabiex jiġbor l-ilma tax-xita fil-ġibjuni tagħhom, saħqu li kellu jsir mill-ġdid waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet.[14]

40. Madankollu, filwaqt li l-perit appellant jidher li għall-ewwel aċċetta li jsir dak il-*culvert* li kien hemm quddiem id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti mill-ġdid, b'dan illi kellu jgħaddi *sewer main* min-nofs l-istess *culvert*

[13] Ara xhieda f'paġna 1083 tal-proċess.
[14] Ara korrispondenza elettronika datata 16 ta' Jannar, 2012, f'paġna 671 tal-proċess.

u li kien għad irid jiġi deċiż kif ser jinqasmu l-ispejjeż b'rabta mal-bini mill-ġdid tal-imsemmi *culvert*[15], dan il-perit biddel fehemtu hekk kif f'korrispondenza sussegwenti[16] jingħad hekk minnu: «*a decision was taken to shift the falls of the raod towards the righthand side of the street i.e. the side of the Plant Health Centre in order to prevent excessive flow of surface run off towards the recently constructed maisonettes and apartment block further down and directly opposite the centre, thus safeguarding against any risk of flooding of the apartment block basement garages. ... I am in a postion to confirm that since the eventual flow of the surface run-off on the right hand side has increased, the culvert will be able to catch more...increased volume* ***thereby eliminating the need for the other culvert.»***

41. Wara li x-xogħlijiet ġew eżegwiti skont kif iddeċieda l-imsemmi perit, mal-ewwel xita li seħħet f'April ta' dik is-sena, id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti, wissa li *culvert* wieħed jew aħjar dak li sar f'parti quddiem iċ-ċentru, ma kienx qiegħed jilħaq l-iskop oriġinali li jaqbad l-ilma tax-xita kollu tat-triq u li minflok parti mill-ilma kien qiegħed jibqa' nieżel minn Triq Annibale Preca[17]. Intalab li ssir laqgħa, iżda minkejja numru ta' laqgħat, skambju ta' korrispondenza fuq medda ta' sitt xhur, kemm mal-imsemmi perit, kif ukoll mal-Kunsill Lokali konvenut[18], proposti differenti

[15] Ara korrispondenza elettronika mibgħuta mill-perit appellant fid-9 ta' Frar, 2012, f'paġna 677 tal-proċess.
[16] Li ġġib id-data tal-15 ta' Marzu, 2012, kif jirriżulta minn paġna 680 tal-proċess.
[17] Ara korrispondenza elettronika datata 23 t' April, 2012, f'paġna 684 tal-proċess.
[18] Ara korrispondenza f'paġni 673, 684, 692 u 711 tal-proċess.

u twissijiet li għandu jsir dan il-*culvert* kif kien, qabel ma jibda l-istaġun tax-xita sabiex ma jintilifx ilma u jiġi evitat l-inkonvenjent li l-għargħar jista' jġib miegħu lir-residenti[19], dan ix-xogħol baqa' ma sarx qabel ma seħħ l-għargħar fit-2 ta' Settembru, 2012, li bih l-assigurata ġarrbet id-danni suġġett tal-kawża taħt eżami. Minkejja li taħt kontroeżami l-perit appellant jinsisti li ma kienx hemm bżonn dan il-*culvert* addizzjonali u li aktarx għamluh tad-Direttorat stess, il-provi juru mod ieħor!

42. Tant hu hekk, li mill-korrispondenza esibita fl-atti jirriżulta li x-xogħol sabiex isir il-*culvert* relattiv (kif oriġinarjament mitlub mid-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti) sar għall-ħabta ta' nofs Ottubru 2012.[20] Lil hemm min-nuqqas ta' konsistenza fix-xhieda tal-perit, li ma tantx tispira fiduċja f'min irid jiddeċiedi, l-istess xhieda tinsab bosta drabi kontradetta minn provi oħra li jitqiesu aktar indipendenti. Jirriżulta ċar li l-*culvert* (jew parti minnu) li tneħħa waqt ix-xogħlijiet reġa' sar wara li seħħ l-għargħar. Dan kollu wassal lil din il-Qorti għall-konklużjoni li n-nuqqas ta' rimpjazzar tal-*culverts* kollha fil-waqt, kien fattur determinanti jew il-*causa prossima* sabiex wassal għall-għargħar li ġarrbet l-assigurata. Isegwi li lanqas dan it-tieni punt imqanqal mill-perit appellant ma huwa mistħoqq, peress li kien proprju l-aġir imprudenti tal-istess perit li wera non-kuranza fix-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru taħt struzzjonijiet u superviżjoni tiegħu li wassal għad-danni mġarrba.

[19] Ara korrispondenza f'paġni 684, 701, 711 u 722 tal-proċess.
[20] Ara korrispondenza mibgħuta mill-istess perit appellant, esebita f'paġna 729 tal-proċess.

43. Jonqos l-aħħar punt taħt l-ewwel aggravju tal-perit appellant, dak fejn jikkontesta l-allegat nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-periti. Il-Perit Rizzo Naudi jisħaq li huwa kien joqgħod fil-viċinanzi u kien jissorvelja x-xogħlijiet b'mod regolari u diliġenti. Filwaqt li jtenni li ma tneħħew l-ebda *culverts* u ma ġiex muri li tneħħew minħabba nuqqas tal-perit li jmur fuq il-post jew li jikkomunika mal-Perit Joseph Cachia, li kien inkarigat mill-kumpanija konvenuta.

44. Aċċertat li minn eżami tal-provi taħt it-tieni punt imqanqal mill-perit appellant li fil-fatt tneħħa *culvert* (jew parti minnu), dan it-tielet argument ma jreġix. F'kull każ, din il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti hija ġustifikata fid-dawl tax-xhieda mogħtija mill-istess periti, hekk kif filwaqt li l-Perit Joseph Cachia (inkarigat mill-kumpanija konvenuta) xehed[21] li huwa kien jieħu struzzjonijiet b'rabta ma' dan il-proġett mingħand il-Perit Rizzo Naudi, min-naħa l-oħra, il-Perit Rizzo Naudi xehed li huwa qatt ma kellem lill-perit tal-kuntrattur iżda lill-kuntrattur innifsu![22] Altru li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni xierqa u li l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti kienet f'lokha.

45. Mingħajr dubju, perit li jiġi nkarigat bi kwalunkwè proġett kemm jekk ikun jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' fond jew fil-kostruzzjoni mill-ġdid ta' triq,

[21] Ara paġni 1003, 1004 u 1096 tal-proċess.
[22] Ara paġna 1091 tal-proċess.

għandu d-dmir li jassigura ruħu illi l-kostruzzjoni lilu fdata, issir sewwa u skont is-sengħa u l-arti, inkluż li jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa, kif osservat mill-Ewwel Qorti. Huwa l-perit dak li jassumi quddiem l-awtorità kompetenti r-responsabbiltà tax-xogħol li tiegħu jkun ser jieħu d-direzzjoni, dover impost mil-ligi. Kull perit inkarigat, għandu l-obbligu li juża l-abilità u d-diliġenza meħtieġa sabiex kemm fl-iddisinjar, kif ukoll fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet, ma jsir xejn li jista' jikkaġuna perikolu jew ħsara, kemm meta l-perit jagħti direzzjoni lill-kuntrattur dwar kif għandhom jitwettqu x-xogħlijiet, kif ukoll meta jissorvelja x-xogħlijiet, b'mod li ma jħallix li jsir xogħol li jista' jitqies bħala kontra dak li titlob is-sengħa jew li jista' joħloq periklu.

46. Ġaladarba l-perit għandu obbligu li jaċċerta ruħu personalment u direttament x'ikun qed isir, u għandu jinżamm responsabbli għad-danni jekk l-għemil tiegħu juri negliġenza, in-nuqqasijiet fit-twettiq tal-inkarigu tal-istess perit appellant fil-każ taħt eżami, inevitabbilment jixħtu responsabbiltà fuq l-imsemmi perit. Kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, il-fatt li ġie eliminat *culvert,* jekk hux sħiħ jew parti minnu, kellu jkun evidenti għall-perit li dan kien ser iwassal għall-problemi meta tagħmel xita qawwija. Minkejja li l-perit jinsisti li bil-qlib tat-triq l-ilma kollu kellu jieħu d-direzzjoni tal-*culvert* quddiem id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti, huwa ġie mwissi diversi drabi li dan ma kienx biżżejjed, iżda minflok mal-perit ħa l-azzjoni meħtieġa f'waqtha huwa webbes rasu u għażel li jkaxkar

saqajh, sabiex fl-aħħar, wara l-għargħar, għamel dak li kellu jsir mal-ewwel - aġir li fil-fehma ta' din il-Qorti jixhed negliġenza, nuqqas ta' prudenza jew għaqal, li għalih jeħtieġ li jwieġeb. Minn dan kollu jinżel li l-ewwel aggravju tal-perit appellant ma jistax jitqies bħala wieħed siewi u ser jiġi miċħud.

47. Jonqos **<u>l-aħħar aggravju tal-perit appellant</u>**, dak li jiddeskrivi bħala forza maġġuri. Jisħaq li l-maltempata li kien hemm dakinhar kienet straordinarja li ħalliet warajha ħerba sħiħa. Jislet aġġettivi li jintużaw mix-xhieda fejn jingħad li x-xita kienet "straordinarja" u li l-Ewwel Qorti naqset milli tqis sew l-element straordinarju tal-maltempata in kwistjoni. Isostni li ma kienux il-passi rimedjali bħal *sleeping policeman* li wasslu li ma jerġax ikun hemm episodji oħra li bihom l-assigurata ssofri minn għargħar, iżda l-fatt li ma reġax kien hemm maltempata oħra tal-istess gravità.

48. Madankollu l-perit appellant m'għandux raġun anqas f'dan it-tieni aggravju tiegħu. Skont l-**Artikolu 1029 tal-Kodiċi Ċivili**, kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara. Iżda, kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Novembru, 2024, fil-kawża fl-ismijiet ***P.O.G. Limited et v. Onorevoli Ministru għall-Kommunikazzjoni u Proġetti Nazzjonali et***

> *«...__**sabiex l-eċċezzjoni tal-forza maġġuri tirnexxi jeħtieġ li min iressaqha jirnexxielu jipprova illi l-avveniment li kkawża d-dannu kien mhux biss imprevedibbli imma wkoll irreżistibbli bl-użu tad-debita kura.**__ ...meta l-akkadut li kkaġuna d-danni huwa konsegwenza ta' ommissjoni tal-bniedem, id-difiża tal-forza maġġuri ma tirnexxiex, sakemm ma jiġix ukoll muri illi d-dannu kien irreżistibbli anke fl-assenza tal-ommissjoni jew tal-att kolpuż.*
>
> *79. Il-ġurisprudenza nostrana tgħallem li biex tirnexxi d-difiża tal-każ fortuwitu, mhux biżżejjed li jkun hemm ġrajja mhux tas-soltu, sproporzjonata, u li tiġri mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li din tkun inevitabbli, b'mod li ma tistax tiġi evitata bid-diliġenza ordinarja tal-bonus pater familias. Min jallega ċirkostanza bħal din, jaqa' fuqu l-piż li jippruvaha»* (enfasi ta' din il-Qorti)

49. Hekk ukoll ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Marzu, 2009, fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Mizzi et v. Tabib Joseph M. Paris et*** :

> *«F'każijiet bħal dawn min jallega li dak li ġara kien dovut minħabba forza maġġuri, jew casus għandu l-obbligu li jippruvah u dana sal-grad ta' probabilità. Skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna l-"forza maġġuri" hija dik il-forza li għaliha huwa mpossibbli li wieħed jirreżisti, mentri l-"każ fortuwitu" huwa dak meta avveniment ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diliġenza. Il-kunċett tal-każ fortuwitu jew forza maġġuri ma jseħħx meta għall-ħsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, pożittiv jew negattiv, tal-bniedem. __Għalhekk skont il-prinċipju tad-dritt, biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li jkun inevitabili, b'mod li ma jistax jiġi evitat bid-diliġenza ordinarja tal-bonus pater familias__. Din il-prevedibilità trid tkun ta' probabilitajiet raġonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili. (Ara Vol. XXIV p.I.p.172; Vol.p.I.p.74; Vol. XLVIII p.I. p.258).»* (sottolinjar ta' din il-Qorti).

50. Minn dan jinżel li, filwaqt li mhuwiex kontestat li dakinhar tal-inċident għamlet ħafna xita, b'daqshekk ma jfissirx li dak li ġara kien każ ta' forza maġġuri. Ġaladarba taħt l-ewwel aggravju ġie stabbilit li kien hemm l-intervent tal-bniedem li kkontribwixxa għall-għargħar, din id-difiża ta' forza

maġġuri ma tistax tirnexxi. Ix-xogħlijiet rimedjali li taċċenna għalihom l-Ewwel Qorti ma kienx biss is-*sleeping policeman,* iżda wkoll il-*culvert* (jew parti minnu) li tneħħa bix-xogħlijiet li twettqu mill-konvenuti fi Triq Annibale Preca u li ġie rimpjazzat jew estiż wara li seħħ l-għargħar. Dan minbarra l-fatt li, kellu jkun prevedibbli, kunsidrat in-numru ta' twissijiet li ntbagħtu lill-konvenut appellant li bix-xogħlijiet li twettqu, kien ser jinqabad inqas ilma fil-*culvert* li jitfa' ġewwa l-ġibjuni tad-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti, bil-konsegwenza li l-ilma jibqa' nieżel Triq Annibale Preca li hija għan-niżla u li titfa' dritt fl-intersezzjoni li hemm ma' Triq Sant'Antnin, li hemm fil-viċin tal-isqaq li jagħti għad-dar tal-assigurata.

51. Isegwi li lanqas dan l-aggravju tal-perit appellant ma jista' jirnexxi u ser jiġi miċħud.

52. Imiss li jiġi trattat **l-appell inċidentali tal-Kunsill Lokali Ħal-Lija**, li fil-verità huwa identiku għal dak tal-perit appellant.

53. Għall-istess raġunijiet li ngħataw taħt l-appell prinċipali, lanqas dan l-appell ma jista' jintlaqa'. Dan jingħad ukoll peress li għalkemm il-Kunsill Lokali konvenut ma kienx responsabbli mil-lat professjonali ta' kif twettqu x-xogħlijiet, jibqa' l-fatt li l-liġi tagħna tipprovdi li taħt l-**Artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili** li:

> *«"kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna mhux ta' ħila, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu*

> *obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna, minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-eżekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi.»*

54. Dan il-provvediment tal-liġi ġie nterpretat fis-sens li min iqabbad lil ħaddieħor jagħmel biċċa xogħol jiġifieri l-kommittent, jew sid ta' proprjetà li jinkariga lil ħaddieħor jagħmel ix-xogħlijiet fi ħwejġu, ma jistax ifarfar mir-responsabbiltà billi jgħid li qabbad persuna biex tieħu ħsieb ix-xogħol, għaliex ladarba jirriżulta li b'dak li għamlet jew ma għamlitx dik il-persuna, id-danneġġat ikun ġarrab il-ħsara, isegwi li dik il-persuna ma kinitx kompetenti f'xogħolha. Għall-konsegwenzi ta' din l-inkompetenza għandhom ibatu wkoll il-kommittent jew is-sid, skont il-każ (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Joseph Camilleri et v. Pierre Debono et*** deċiża fid-29 ta' Frar, 2024; ***Alexander Debono et v. Span Properties Limited*** deċiża fis-26 ta' Ottubru, 2022; ***Alexander Zammit et v. Carmel Mifsud et*** deċiża fit-23 ta' Frar, 2022; u ***Mary Buttigieg v. John Polidano et*,** deċiża fis-27 ta' Mejju, 2016).

55. Hekk ukoll, f'dan il-każ il-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija li nkariga lill-kuntrattur konvenut iwettaq ix-xogħlijiet tat-toroq fil-lokalità tiegħu, skont l-istruzzjonijiet u taħt is-superviżjoni tal-perit konvenut, ma jistax jaħsel idejh minn dak li ġara. Ġaladarba r-raġunijiet mressqa mill-Kunsill Lokali fl-appell tiegħu l-għala m'għandux jerfa' r-responsabbiltà għall-għargħar li seħħ (li huma l-istess bħal dawk imressqa mill-perit appellant, jiġifieri x-xaqlib tal-ilma fit-triq, il-*culverts* u n-nuqqas ta' kommunikazzjoni bejn il-

periti) huma marbuta man-nuqqasijiet li ġew riskontrati fil-konfront tal-perit hawn qabel taħt l-appell prinċipali, isegwi li lanqas dan l-aggravju tal-Kunsill Lokali ma jista' jirnexxi.

56. Wara kollox, kif rajna qabel, il-korrispondenza maħruġa mid-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti, dwar it-tħassib u l-oġġezzjonijiet li kellhom dwar ix-xogħlijiet li kienu qegħdin jitwettqu u l-konsegwenzi dwar it-tneħħija jew tnaqqis fid-daqs tal-*culvert* fi Triq Annibale Preca, ġiet mibgħuta wkoll, lill-istess Kunsill konvenut appellant inċidentalment[23]. Dan ifisser li lanqas il-Kunsill konvenut ma wera l-prudenza u l-għaqal meħtieġ minn missier tajjeb tal-familja. Isegwi li lanqas dan il-konvenut ma jista' jsostni li l-għargħar li seħħ kien imprevedibbli għalih.

57. Għalhekk, għall-istess raġunijiet mogħtija hawn qabel, lanqas it-tieni aggravju tal-Kunsill Lokali dwar il-forza maġġuri ma jista' jitqies siewi u għalhekk ser jiġi miċħud.

58. Jonqos li jiġi trattat **it-tieni aggravju fl-appell inċidentali tal-kumpanija konvenuta Polidano Brothers Limited**, dak fejn filwaqt li tisħaq li hija kienet tieħu l-istruzzjonijiet tagħha dwar kif kellhom jitwettqu x-xogħlijiet mingħand il-perit konvenut inkarigat mill-Kunsill konvenut u li x-xogħlijiet imwettqa minnha ġew iċċertifikati mill-istess perit konvenut,

[23] Ara b'eżempju l-korrispondenza lill-Kunsill Lokali f'paġni 692 u 711 tal-proċess.

issostni li t-tqegħid ta' *culvert* ġdid ma kienx parti mix-xogħlijiet li kellhom jitwettqu mill-kuntrattur. Dan meta skont il-perit inkarigat minnha l-*culverts* li kien hemm fi Triq Annibale Preca kienu kollha rimpjazzati, kif konfermat ukoll mill-Perit Rizzo Naudi. Fl-istess aggravju, l-kumpanija appellanti inċidentalment issostni wkoll li l-Ewwel Qorti ma qisetx sew il-kwistjoni tal-forza maġġuri.

59. Fir-rigward ta' dan it-tieni aggravju tal-kuntrattur, jibda billi jinstiltu numru ta' prinċipji b'rabta max-xogħlijiet li jwettaq l-appaltatur. Huwa prinċipju assodat li min jippresta opra għandu jeżegwiha skont kif titlob is-sengħa u l-arti (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' Ġunju, 2006, fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet Pubbliċi v. Charles Azzopardi***). Hekk ukoll, l-**Artikolu 1038 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li kull min jindaħal għal xogħol bla ma jkollu l-ħila meħtieġa għalih, għandu jwieġeb għall-ħsara li jikkaġuna lil ħaddiehor, minħabba n-nuqqas ta' ħila tiegħu.

60. Barra minn hekk, l-appaltatur huwa obbligat li jassigura li x-xogħol li jkun ser jitwettaq minnu jkun ser isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difett. (Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta' Awwissu, 2023, fl-ismijiet ***Mark Schembri et v. Vella Group Limited*.**) F'każ ieħor ingħad li l-appaltatur għandu jirrifjuta jwettaq xogħol li jaf jew li messu kien jaf, mhux se jagħti riżultat utili, jew ikollu jirrispondi għad-difetti li jiġru 'l

quddiem. (Ara s-sentenza fl-ismijiet ***Mario Blackman v. Carmelo Farrugia et nomine***, Appell Kummerċjali, tas-27 ta' Marzu 1972, u s-sentenzi fiha msemmija).

61. Ġie osservat ukoll li għal dawk li huma danni, l-appaltatur mhuwiex meħlus mir-responsabbiltà avolja jkun sar il-ħlas tal-appalt. Dan għaliex il-verifika u l-approvazzjoni tax-xogħol issir għall-finijiet tal-ħlas lill-appaltatur, iżda b'daqshekk dan mhux eżonorat jekk 'il quddiem jirriżultaw difetti jew nuqqasijiet marbuta ma' xogħol ħazin. (Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-15 ta' Lulju, 2009, fil-kawża fl-ismijiet ***Tal-Frančiż Construction Limited et v. Angelo Zarb***).

62. Minn dan jinżel li, kuntrarjament għal dak li jingħad mill-Perit Cachia, inkarigat mill-kuntrattur konvenut, kif ingħad qabel, irriżulta li kien hemm *culvert* fi Triq Annibale Preca li tneħħa jew tnaqqas fil-qies. Jista' jkun li l-kumpanija konvenuta ma kenitx involuta fix-xogħlijiet rimedjali, peress li mill-provi ma rriżultax min kien il-kuntrattur li wettaq ix-xogħlijiet għall-installazzjoni mill-ġdid tal-*culvert* fl-imsemmija triq b'rabta max-xogħlijiet rimedjali. Madankollu, jibqa' l-fatt li kellu jkun pjuttost evidenti għall-kuntrattur bl-esperjenza li għandha l-kumpanija konvenuta li l-fatt li ġie eliminat *culvert,* (anke jekk parti minnu) waqt li hija kienet qiegħda twettaq ix-xogħlijiet, li dan kien ser iwassal għall-problemi meta tagħmel xita qawwija. Dan aktar u aktar meta wieħed iqis li kien ser jinqabad inqas

ilma fil-*culvert* li jitfa' ġewwa l-ġibjuni tad-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti, bil-konsegwenza li l-ilma jibqa' nieżel Triq Annibale Preca li hija għan-niżla u li titfa' dritt fl-intersezzjoni li hemm ma' Triq Sant'Antnin, li hemm fil-viċin tal-isqaq li jagħti għad-dar tal-assigurata.

63. Isegwi li l-fatt li l-kumpanija konvenuta segwiet l-istruzzjonijiet tal-perit konvenut jew li x-xogħol imwettaq minnha kien ġie approvat mill-istess perit, mhumiex raġunijiet tajba sabiex hija teħles mir-responsabbiltà. Jiġi mtenni, dak li ngħad qabel ukoll fir-rigward tal-aggravju tal-forza maġġuri la jista' jingħad li l-għargħar kien imprevedibbli u lanqas irreżistibbli, dan peress li jidher li waqt li kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet, il-kuntrattur kien involut fid-diskussjonijiet li kienu qegħdin isiru mid-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti dwar il-ħtieġa li l-*culvert* li kien hemm li jitfa' fil-ġibjuni, jibqa' kif kien jew rimpjazzat fis-sħiħ.[24] Isegwi li jista' jingħad li l-kumpanija appaltatriċi wkoll kienet negliġenti fit-twettiq tal-inkarigu lilha fdat.

64. Għalhekk, għall-istess raġunijiet mogħtija fir-rigward tal-aggravju dwar il-forza maġġuri taħt l-appell prinċipali, lanqas f'dan il-każ, l-ilment tal-kumpanija konvenuta appellanti, li l-Ewwel Qorti ma qisetx sew il-kwistjoni tal-forza maġġuri ma jista' jitqies siewi u għalhekk ser jiġi miċħud.

[24] Ara l-korrispondenza esebit minn paġni 680 sa 692 tal-proċess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** kemm l-appell prinċipali tal-konvenut appellant Perit John Rizzo Naudi, kif ukoll l-appell inċidentali tal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija u l-appell inċidentali ta' Polidano Brothers Limited, u tikkonferma s-sentenza appellata fis-sħiħ.

L-ispejjeż tal-appell prinċipali jinġarru mill-istess appellant Perit John Rizzo Naudi, filwaqt li l-bqija tal-konvenuti appellanti jġorru l-ispejjeż tal-appell inċidentali rispettiv tagħhom.

| Mark Chetcuti | Grazio Mercieca | Josette Demicoli |
|---|---|---|
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss